MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Numru. 94/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Anthony Ellis bin Emanuel u Maria nee’ Saliba, residenti c/o Baron Group Ltd, Triq Karlu Galea, Rabat, Ghawdex jew 38, Triq Viani, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita’ numru 3968(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Anthony Ellis li gie akkuzat talli nhar it-18, l-20 u s-27 ta’ Novembru 2008 bi ksur ta’ artikolu 43(1) (c) ta’ l-Att Dwar Servizzi ta’ l-Ivvjaggar u tat-Turizmu Ghal Malta Kap 409, wara li fit-28 ta’ Ottubru kien gie notifikat b’avviz ta’ infurzar skond

artikolu 41 ta' l-istess Att fuq il-fond The Hamlet Farmhouse no. 1 u no. 3, Triq Guzepp Cassar, Ghammar, Ghasri, Ghawdex, fit-18, fl-20 u fis-27 ta' Novembru 2008 naqas milli jhares il-htigijiet ta' dan is-servizz;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, l-Qorti wara li rat l-Artikolu 43 (1) (c) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elf u mitejn ewro (€1200).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------